**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2180**

KAZ 2902

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Paul Bugeja

u

Alberta Fire & Security Equipment Ltd.

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Data : 12 ta' Novembru 2012.

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors fir-registru tal-Qorti pprezentat fit-30 ta' Marzu 2011.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Paul Bugeja , aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri u Alberta Fire & Security Equipment Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il- "Kumpanija", kienet rapprezentata mill-Avukat Ron Galea Cavallazzi.

L-appellant jghid li l-impieg tieghu gie terminat mill-Kumpanija ghax ikkontendiet li kien offra r-rizenja tieghu izda jsostni li f'ebda moment ma offra tali rizenja u ghalhekk it-tkeccija tieghu ma kienetx valida skond il-ligi. Hu talab li jinghata kumpens gust u jekk ikun il-kaz jigi reintegrat f'xogholu.

Il-Kumpanija tikkontendi li kien l-appellant li ttermina l-impieg mal-Kumpanija billi rrizenja u barra minn hekk kien ta avviz skond it-termini tal-Kuntratt li ma kienx bi hsiebu jgeddu meta jiskadi. Kien ukoll talab li jekk ikun hemm il-htiega li jirrizenja qabel il-perijodu stipulat fil-kuntratt, il-Kumpanija ma tezigix il-penali u hi kienet lesta li taghmel hekk.

L-appellant kien impjegat b'kuntratt ghal zmien definit ta' tlett snin li kellu jiggedded ghal perijodi successivi ta'tlett snin sa kemm xi parti ma tavzax lill-ohra b'terminazzjoni mhux anqas minn sitt xhur qabel id-data ta' l-gheluq.

Il-fatti tal-kaz huma kif gej :

Il-kuntratt gie iffirmat fil-21 ta'April 2008 u ghalhekk it-terminu ta' tlett snin kellu jaghlaq fl-20 ta' April 2011.

Kif tajjeb argumentat il-Kumpanija l-kumpens dovut mill-partijiet jekk jigi terminat kuntratt ghal zmien definit qabel il-perijodu miftiehem minghajr raguni valida hu dak stipulat f'subartikli (11) u (12) ta' l-Artiklu 36 tal-Kap 452.

It-Tribunal irid ghalhekk jistabbilixxi :

Jekk xi parti tatx avviz ta' terrminazzjoni tal-kuntratt aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' l-gheluq fl-20 ta' April 2011.

Kienx hemm raguni valida skond il-ligi ghat-terminazzjoni tal-kuntratt qabel iz-zmien.

Jirrezulta mix-xhieda u mid-dokumenti li :

Fit-22 ta' Gunju 2010 l-appellant baghat email lill-Kumpanija fejn qallha "Kindly be informed that our contract will expire soon and that I have no intention of renewing it". Dan ma jhalli ebda dubju li l-appellant kien ta' avviz ta' terminazzjoni skond il-provedimenti ta' artiklu 3. tal-kuntratt u l-obbligu massimu li kellha l-Kumpanija kien li zzommu fl-impeg sa l-20 ta' April 2011.

Fl-email tat-22 ta' Gunju 2010 l-appellant jghid ukoll li r-raguni kienet "…… because I found a job in a higher position and it is time for me to move on with my career" Zied li " I am sure I gave you enough time to find a good replacement and to train him accordingly" Ukoll " It might also be possible that I might need to terminate our agreement before the agreed expiry date of the contract ……".

Dan juri li l-appellant kellu hsieb li jitlaq minn mal-Kumpanija ghax kien sab impieg ahjar u esprima l-possibbilta' li jista' jkun il-kaz li jitlaq qabel id-data miftehma. Il-Kumpanija tghid li l-appellant kien anke talab biex jekk dan jinqala' ma tinforzax il-penali u hi kienet lesta li takkomodah. Ta' dan ma hemmx dokumentazzjoni u jinghad li sar f'konversazzjonijiet bejn l-appellant u rapprezentanti tal-Kumpanija.

F'email ohra fil-11 ta' Marzu 2011 lill-rapprezentanti tal-Kumpanija l-appellant jghid "Being so versatile also helped me to find this job in a short time and I handed my resignation with Alberta". L-appellant jikkontendi li din l-email trid tittiehed fil-kuntest ta' korrispondenza bejn il-partijiet fejn hu kien qed jipprova jakkwista "deal" ahjar ghal

kuntratt gdid stante li kellu offerti minn terzi. Ma gewx prodotti dokumenti biex isostnu din it-tesi. L-anqas ma gie prezentat xi document li juri rizenja formali ta' l-appellant.

It-Tribunal hu tal-fehma li l-appellant kellu prospett ta' job tajjeb u kien qed ilesti t-trieq biex jitlaq minn mal-Kumpanija f'gheluq il-kuntratt jew, jekk ikollu jitlaq qabel, ma jehilx il-penali. Jidher li meta dak li haseb li kien akkwista ma sehhx ipprova jerga jgedded il-kuntratt jew jiehu xi kumpens minghand il-Kumpanija.

Billi ma kienx hemm rizenja formali izda kien hemm avviz car li l-appellant ma kienx behsiebu jgedded il-kuntratt l-appellant kellu dritt jibqa fl-impieg sal-20 ta' April 2011 izda l-Kumpanija ma kellha ebda obbligu li ggeddidlu l-kuntratt wara din id-data.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' €1,532 (Elf hames mija u tnejn u tletin ewro) lill-appellant fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni. Dan l-ammont jirrapprezenta nofs is-salarju ghal erbghin gurnata (mit-12 ta' Marzu sa l-20 ta' April 2011) bir rata ta' €27,950 fis-sena skond il-kuntratt.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrativi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju